MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 130/2003

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Gozo Cottage Industries Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta’ elf, mija u hamsa u sebghin Liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1175.29) rappresentanti in kwantu ghal elf Mija u sittax il-Liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1,116.59) bilanc ta’ kont kurrenti (Overdraft Account) bin-numru 11116430018 u in kwantu ghal tmienja u hamsin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm58.70) rappresentanti interessi akkumulati bir-rata ta’ 8% fis-sena sat-30 ta’ Gunju 2003 fl-Interest Disposal

Account bin-numru 20000078839, skond iz-zewg prospetti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. “A” u “B”;

Peress illi l-istess socjeta konvenuta gie interpellata diversi drabi, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 29 ta’ Settembru 2003 (Dok. “C”), biex thallas lill-Bank attur l-ammont minnha dovut, izda din baqghet inadempjenti;

Bl-imghax ulterjuri fuq il-bialnc imsemmi ta’ elf Mija u sittax il-Liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1,116.59) bir-rata ta’ 8% fis-sena mit-30 ta’ Gunju 2003 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Settembru 2003 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju, kontra s-socjeta konvenuta, li r-rapprezentanti taghha jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”

Ha konjizzjoni tal-provi mressqa mill-Bank attur mhux ikkontestati mis-socjeta’ konvenuta li ma ntavolatx risposta;

U billi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata;

Jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ LM1,175.29c flimkien mal-imghax ulterjuri bit-8% fis-sena fuq is-somma ta’ LM1,116.59 mit-30 ta’ Gunju 2003 sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-29.09.2003 u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------